MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2002

Rikors Numru. 59/2001/1

**George Micallef**

**Vs**

**Generoso Barbara**

Il-Bord,

Ra r-rikors;

1. Illi l-esponenti jikri lill-intimat l-fond numru hamsa u hamsin (55) Triq Dun Mikiel Cassar, Zejtun bil-kera ta' sittin lira (Lm60) fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem bl-ewwel skadenza taghlaq fit-12 ta' April 2002.

2. Illi l-esponenti jidhirlu l-kera presentement mhallsa hija wahda baxxa u timmerita awment.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob li dan il-Bord jogghbu jordna awment fil-kera tal-fond imemmi hamsa u hamsin (55) Triq Dun Mikiel Cassar, Zejtun.

Ra r-risposta;

1. Illi l-kera tal-post in kwistjoni diga hu gholi zzejjed, billi li fih kien il-fond 55 Triq Dun Mikiel Cassar, Zejtun meta gei mirki lill-esponent, kien wiehed dizastruz u ghalhekk zgur ma jisthoqqlux awment.

2. Illi fil-fond de quo l-esponent ghamel ix-xogholijiet kollha ta' riparazzjoni ordinarja u anke straordinarja li kien mehtieg matul iz-zmien fosthom bdil ta' bibien u paviment u anke bdil ta' soqfa.

3. Illi legalment dawn il-miljoramenti maghmul amill-esponent m''ahndhom qatt jigu mehuda in konsiderazzjoni fil-process li jigi stabbilit il-kera gust tal-fond de quo.

Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra tieghu u f'kaz li jirrizulta illi l-kera hu eccesiv, allura ghandhom jigu applikati l-kommuniazzjonijiet kontemplati fil-ligi.

Ra d-digriet tieghu tat-22 ta' novembru 2001 li bih gew nominati periti teknici l-AIC Renato Laferala u l-AIC Joseph Jaccarini.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti.

Billi mir-relazzjoni tal-periti jirrizulta li l-kera xieraq hi ta' hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75) jiffissa l-kera f'dan l-ammont pagabbli kull sena bil-quddiem, l-ewwel skadenza fit-12 ta' April 2000 xoghol ta' manutenzjoni ordinarja ghandu jkun a karigu tal-kerrej, xoghol iehor a karigu tas-sid. Ir-relazzjoni tal-periti taghmel parti shiha minn din is-sentenza. Spejjez bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------